# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 245 :: OTTUBRU, 2016**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


# IL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA TAL-VICTORIA JIPPREŻENTA PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza Programm Mużiko-Letterarju nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2016, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Madwar 80 membru tal-Komunità Maltija attendew. Fost dawk preżenti kien hemm il-President tal-Kunsill Malti tal-Victoria, is-Sur Victor Borg u l-Viċi-President, is-Sur Joe Stafrace.**

Il-programm beda bil-kant tal-Innu Malti u l-Innu Awstraljan.

Marie-Louise Anastasi, Viċi-President tal-Grupp tat merħba lil dawk preżenti u ntroduċiet lill-President, Dr Victor Sammut, fejn dan ta l-Messaġġ tiegħu. Imbagħad beda l-programm tal-qari u Dr Victor Sammut qara l-kitba tiegħu, "Jew tikber jew tiċkien, skont kif tuża l-ilsien" u "Ikrah l-uġigħ". Manwel Cassar qara x-xogħol tiegħu: erba' Epigrammi u ħames Limerikki. Is-Segretarja, Rosemary Attard qrat poeżija tal-mibki u qatt minsi membru tagħna, Manwel Nicholas Borg, "Lil Gżira Ġawhra".

Dan wassalna għall-ewwel intervent mużikali mill-grupp "Girgenti" magħmul minn Alfred Xuereb (synthesiser), Joe Camilleri (perkussjoni), u Joe Gauci u Manuel Casha. Dawn tawna ħafna mużika Maltija li ntlaqgħet tajjeb minn dawk preżenti.

Dr Clemente Zammit ma setax ikun magħna u l-kitbiet tiegħu, "Xrar ta' Mħabba" u "Ħsiebi Jterraq 'l Hinn" inqara minn Manwel Cassar. Ġużi Camilleri qralna żewġ prożi tiegħu, "Aħbarijiet minn Malta" u "Katarina ż-Żurriqija" u wara dan il-qari kellna intervent mużikali ieħor.

John Muscat qara żewġ poeżiji tiegħu, "Fil-Park" u l-"Il-Merill". Manuel Casha wkoll qralna tliet poeżiji tiegħu, "Art il-Ħolm", "L-Għarix" u "Magna taż-Żmien". Dak inhar stess Manuel Casha tkellem dwar il-ktieb ġdid tiegħu, "Maltese Traditional Music of Għana and Prejjem". Fredu Cachia wkoll tkellem ftit dwar dan il-ktieb u wara qralna poeżiji li kiteb huwa stess. U hawn kellna intervall ta' 20 minuta fejn dawk preżenti ħadu kikkra te jew kafe` u kejks u gallettini li ġew ipprovduti b'xejn mill-Grupp.

It-tieni parti tal-programm bdiet billi l-mistieden tagħna dak inhar, il-poeta minn Malta, Antoine Cassar, wara introduzjoni minn Paul Vella, tkellem ftit dwaru u qal li twieled l-Ingilterra minn ġenituri Maltin u kien niżel Malta u mar joqgħod għand in-nanniet fil-Qrendi fejn kien tħarreġ sewwa fl-Ilsien Malti. Minn hemm beda jikteb bil-Malti. Huwa qralna parti mill-poeżija tiegħu, "Passaport".

Wara smajna lil Rose Lofaro taqra' żewġ poeżiji tal-membru tagħna, Nazzarene Żerafa li joqgħod Queensland, "Għana ta' Kanarin" u "Timxi Waħedha l-Pinna". Nazzarene, avolja joqgħod fi Queensland, xorta hu membru attiv tal-Grupp tagħna u dejjem jieħu interess f'dak li jkun qed jiġri mill-Grupp f'Melbourne u qatt ma jonqos jibgħat xogħol tiegħu għall-Programmi Mużiko-Letterarju.

Marie-Louise Anastasi tatna żewġ poeżiji tagħha, "Fil-Ħolm Inżurek" u "Lil Din l-Art l-Oħra". Hawn kien imiss lil Michael Xuereb b'żewġ poeżiji li kiteb hu stess, "Tifel Waħdu" u "Għanja ta' Raħħal Ċkejken". Ware intervall mużikali ieħor, Paul Vella qralna l-proża tiegħu, "L-Amorin Jitkellem" u l-poeżija "Sħab". Imbagħad kien imiss lil Josephine Cassar li tatna epigrammi u limerikki "Żewġ Nisa", "Ix-Xiħ" u "Ħabi". L-aħħar qari tal-programm sar minn Ray Anastasi, fejn qralna l-kitba tiegħu, "Sibtu".

***Ikompli Paġna 2***






*Ikompli minn Paġna 1*

Il-programm spiċċa b'intervent mużikali ieħor li tassew ferraħ lil dawk preżenti.

Wara kien hemm bibita fejn kulħadd reġa' ħa kikkra te jew kafe` u xi ħaġa tal-ikel bħal pastizzi tal-irkotta u piżelli, pies u sausage rolls, kejks u gallettini u xorb ħafif li ġie pprovdut bla ħlas mill-Grupp.

Grazzi lil dawk li attendew, lil dawk li ħadmu biex dan il-programm ikun wieħed ta' suċċess, lil dawk li ppreparaw il-ktejjeb bix-xogħol kollu li nqara u speċjalment lill-mużiċisti li ferrħuna bil-mużika tagħhom u lil dawk li taw l-għajnuna tagħhom fil-kċina biex jippreparaw l-ikel: Salvina Vella (Social Secretary), Doris Sammut u Sunta Sultana.

Ġie stampat ktejjeb bil-kitba kollha li nqrat fil-Programm u b'ringrazzjament, il-ħabib tagħna, Dr Clemente Zammit, ħoloq dan il-"flip book" li tistgħu tarawh billi tafsu http://online.fliphtml5.com/bxaj/avtj/





Antoine Cassar



## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **28 ta' Ottubru, 2016** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri magħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# ASPETTI TAT-TRADUZZJONI MALTIJA




Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija jippreżenta approċċ ta' sfida għal kif wieħed jaħseb fuq it-traduzzjoni Maltija. Huwa kors ta' qari komprensiv fuq il-kwalità ta' traduzzjoni Maltija, waqt li joffri spjegazzjonijiet ċarissimi fuq problemi teoretiċi involuti fis-suġġett tal-istudji tat-traduzzjoni.

Fih medda wiesgħa ta' suġġetti bħal:

- il-ġrajja storika tat-traduzzjoni Maltija;
- bixriet kulturali fit-traduzzjonijiet Maltin;
- xejriet teoretiċi mħaddmin mit-tradutturi Maltin;
- xeħtiet letterarji fil-Malti bħala lingwa mira.

Kull wieħed minn dawn is-suġġetti jinfetaħ, bħal murtal tal-ftuħ, f'topiks oħra bit-temi u l-argumenti tiegħu.

Fil-qofol tiegħu l-ktieb jimplika li l-ħidma tat-traduttur titlob ħakma xierqa ta' żewġ lingwi, fiha struttura progressiva, tinvolvi teħid ta' deċiżjonijiet fuq strateġiji u taf tkun attività kreattiva. Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija huwa għal dawk li jridu jaħdmu fil-qasam tat-traduzzjoni: studenti, professjonisti, riċerkaturi, awturi, xandara, u tradutturi.




## STEJJER MILL-BOSK — *ktieb ta' Patrick Sammut*

Stejjer mill-Bosk huwa r-raba' ġabra ta' rakkonti għat-tfal ta' Patrick Sammut. Dawn huma 15-il rakkont ieħor li l-awtur xi darba rrakkonta lil uliedu qabel ma marru jorqdu, imma li wara għaddihom minn proċess ta' tirqim fejn tidħol lingwa u tlaħħim fejn jidħol kontenut. Huma stejjer li għandhom bħala protagonisti kemm bnedmin, ħafna minnhom tfal, kif ukoll bhejjem differenti li huma mogħtija karatteristiċi umani, fosthom il-kapaċità li jitkellmu, u dik li jħossu għal ħlejjaq oħrajn. Sammut juża lingwa mexxejja u Malti idjomatiku biex b'hekk l-esperjenza tal-qari tinbidel f'waħda mhux biss ta' pjaċir imma anki ta' tagħlim.Dawn ta' Sammut huma wkoll stejjer li jħaddnu valuri pożittivi bħalma huma l-ħbiberija, ir-rispett lejn il-proxxmu, is-sabiħ tat-tfulija u s-sodisfazzjon li wieħed jikseb mill-ħidma onesta, fost bosta valuri oħrajn. L-imkejjen fejn isseħħ l-azzjoni huma kemm reali kif ukoll fantastiċi bħalma huma l-personaġġi. Stejjer mill-Bosk huma kitbiet li għandhom mill-ħrafa tradizzjonali, mill-ħolma u anki mill-cartoons li xi darba jew oħra segwejna fuq it-televiżjoni. Jinżlu għasel mat-tfal u anki ma' min għad għandu t-tifel jew it-tifla ġewwa fih.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Grazzi tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Settembru 2016. Ħarġa oħra b'aħbarijiet friski, intervisti, letteratura, kummenti, insomma... miraklu f'erba' paġni. B'imħabba:
***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Prosit tassew tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija. Dejjem interessanti u żgur li kull min jirċevih japprezzah. Tislijiet
***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Grazzi talli għoġbok tippubblika fil-folju interessanti tiegħek għax-xahar ta' Settembru l-analiżi eċċellenti li għamel is-Sur Peter Paul Ciantar tal-ktieb tiegħi 'The Great Maltese Composers: historical context, lives, and works'. Jekk xi ħadd ikollu bżonn aktar informazzjoni dwaru jista' jikkuntattja elettronikament lill-pubblikaturi tiegħu, l-APS Bank, fuq 'jeremy.vassallo@apsbank.com.mt'
Tislijiet, awguri, u grazzi mill-ġdid.
***Joseph Vella-Bondin***

Grazzi tal-folju Paul. Ħadt gost nara anki lil Manwel Cassar fir-ritratt. Folju interessanti u ħaj li jorbot Maltin ta' hemm ma' Maltin t'hawn. Inselli għalikom ilkoll,
***Patrick Sammut***

Grazzi ħafna, Paul, u PROSIT tal-ħidma fejjieda tagħkom b'risq il-Malti u l-Letteratura Maltija. Tislijiet mill-qalb,
***Prof. Rena Balzan***

# MARCEL PROUST

Marcel Proust, Għat-Tfittxija taż-Żmien Mitluf: Mix-Xaqliba ta' Dar Swann - Combray (traduzzjoni ta' Paul Zahra)

"Ħafna jqisu din l-ewwel parti ta' dan ir-rumanz b'seba' friegħi kandelabri bħala l-preludju jew il-ftuħ orkestrali tat-tema prinċipali [ta' La Recherche], jiġifieri t-tfittxija taż-żmien mitluf li effettivament tirriferi għall-imgħoddi jew b'mod ambigwu għall-ħin mitluf.

Iż-żmien hu l-akbar u l-ifjen ħalliel; jisirqilna ħinna l-ħin kollu u ħadd ma għandu s-setgħa jżommu! Iżda Proust jipprova juri li għalkemm iż-żmien jinsterqilna u jintilfilna xorta waħda ninsabu f'qagħda li nerġgħu nsibuh, kemm b'mod volontarju kif ukoll b'mod involontarju. Kif jgħid Bowie Malcolm fix-xogħol ta' Proust: "Time may be measured as a connected series of physical events, sense-perceptions, and mental promptings (...)".

B'hekk, ir-rumanz jibda f'wieħed mill-mumenti li fih in-narratur – li jibqa' sal-aħħar ta' Combray mingħajr ma jiżvela ismu billi jirreferi għalih innifsu bħala "je" ("jien/a") u li aktar tard fir-rumanz jidentifika ruħu bħala Marcel (li jinkorpora fih kemm lil Marcel in-narratur kif ukoll lil Marcel l-awtur awtobijografist) – jiftakar fit-taħwid li jgħaddi minn moħħu meta jkun qed jistenbaħ mill-irqad u jqabbel l-istat li jkun fih f'dak il-mument bħallikieku kien wieħed li jseħħ wara speċi ta' metempsikosi (riinkarnazzjoni). Dan il-mument li fih il-konxju jkun għadu taħt l-influwenza tal-irqad iġiegħlu jiftakar fil-kmamar tas-sodda differenti li raqad fihom, u fil-proċess jiftakar fi tfulitu meta f'okkażjoni minnhom ġie mċaħħad mill-bewsa li ommu bi drawwa kienet tagħtih qabel jorqod." p.xxiii

Marcel Proust, Għat-Tfittxija taż-Żmien Mitluf: Mix-Xaqliba ta' Dar Swann - Combray (traduzzjoni ta' Paul Zahra) 2016, 250 pp.

Il-ktieb ma jinsabx għall-bejgħ fil-ħwienet. Min jixtieq jixtri kopja jista' jikkuntattja lil Paul Zahra f'dan l-indirizz elettroniku classicu@live.be

Il-prezz hu 15-il ewro li jinkludi l-ippakkjar u l-posta reġistrata. Tingħata wkoll irċevuta tal-VAT.

# ESPERJENZA UNIKA, SABRINA — *rumanz ta' Jacqueline Mizzi*

Wara l-ewwel rumanz li Jacqueline Mizzi ppubblikat is-sena l-oħra bl-isem ta' "Esperjenza Unika, Love", li sa ftit tax-xhur wara li ħareġ kien inbiegħ kollu u reġa' ġie stampat għat-tieni darba, issa kien imiss li Horizons jippubblikaw it-tieni rumanz ta' din l-awtriċi żagħżugħa. Din id-darba, il-ktieb iġib l-isem ta' "Esperjenza Unika, Sabrina". Minkejja li l-istorja ta' dan ir-rumanz hi awtonoma, tajjeb li wieħed jgħid li r-rakkont se jkun qed ikompli ma' dak tal-ewwel ktieb, u l-qarrejja se jkollhom iċ-ċans li jaraw x'ġara mill-karattri ewlenin tal-ġrajja ta' qabel.

Bħal ta' qablu, il-protagonisti huma primarjament żgħażagħ li jidhru mitlufa f'relazzjonijiet intimi li l-imħabba adolexxejnzjali taf iġġib magħha. Naturalment, ma jonqsux ukoll l-intriċċi, id-diżappunti u l-element senswali li ġġorr magħha l-passjoni li tiddomina l-emozzjonijiet imqanqla li jħossu ż-żgħażagħ f'din il-fażi tant sensittiva ta' ħajjithom. Barra minn hekk, ma jistax jonqos li dan ir-rakkont joffri wkoll perspettiva reali ta' kif iż-żgħażagħ iħarsu lejn il-ħajja, lejn ħaddieħor, lejn xulxin u speċjalment kif iħarsu lejhom infushom! U ta' żgħażagħ li huma, ma jonqosx ukoll li jħossu d-dmir li jgħinu, il-bżonn li jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom u anke li jiftħu qalbhom ma' xulxin.

Iżda dan il-ktieb jiftaħ ukoll tieqa fuq diversi temi soċjali u kurrenti; fosthom is-sens ta' ribelljoni taż-żgħażagħ minħabba l-ansjetà u r-rabja profonda, hekk kif iħossu li dawk l-adulti li suppost qed jieħdu ħsiebhom, ikunu qed jonqsu milli jagħmlu dan. L-awtriċi ta' dan ir-rumanz irnexxielha titfa' dawl fuq dawn is-sitwazzjonijiet reali fejn iż-żgħażagħ xi drabi jħossuhom weħidhom, mhux mifhuma u r-rabja u l-vojt kbir li jħossu ġo fihom xi drabi jippruvaw jimlewh b'imġiba perikoluża u ażżardanti. Rabja u vojt li jistgħu saħansitra jwasslu għall-abbuż tad-droga u t-tqala mhux mistennija. Mingħajr ma tintilef wisq fuq il-problemi tal-adulti, din l-awtriċi rnexxielha b'ħila kbira żżewwaq nisġa interessanti u mqanqla b'emozzjonijiet kuntrastanti, fejn tħalli 'l-qarrej jirrifletti fuq il-konsegwenzi li l-aġir tal-kbar iħalli fuq l-adolexxenti.

Fil-fatt, dan il-ktieb jiftaħ b'sekwenza qawwija ta' abbuż fuq minorenni, li se jwassal lill-qarrej jiskopri u jifhem aħjar l-effett devastanti li jkun ħalla fuq waħda mill-protagonisti sa minn ċkunitha. Ċertament, il-qarrej se jsib ruħu jirrifletti, jempatizza u jħenn għal din it-tfajla fejn permezz ta' bosta flashbacks se jsir jaf il-passat tagħha, jikber magħha, u jifhimha aħjar. Tfajla, li minkejja li qattgħet ħajjitha msakkra f'kamritha, f'din l-istorja se tidher bħala protagonista ewlenija u se tingħata l-importanza li tixirqilha. B'hekk, wieħed se jkollu ċ-ċans li jifhem aħjar is-sofferenza li xi tfal u adolexxenti jgħaddu minnha. Sofferenza li xi drabi timmanifesta ruħha f'nuqqas kbir ta' kunfidenza, f'ribelljoni, f'nuqqas ta' fiduċja f'ta' madwarhom, fin-nuqqas ta' kapaċità li jibnu u jmantnu relazzjoni, u fil-personalità doppja li xi drabi tinħoloq.

Din it-tfajla mhux biss se tiddomina r-rakkont, iżda se tqanqal ukoll ħafna kurżità u se toffri ħafna sorpriżi interessanti lill-qarrejja. Se tkun ukoll tfajla li, permezz tagħha se niltaqgħu ma' protagonist ewlieni ieħor fir-rakkont; din id-darba ma' xwejjaħ li rnexxielu jidħol f'qalbha u li fih sabet il-missier li qatt ma kellha. Xwejjaħ li bis-sempliċità, b'rakkonti u espressjonijiet djalettali, bil-ħlewwa tal-umoriżmu tiegħu, imdakkar mill-ħeġġa biex jgħinha, jirrispettaha u jħobbha bla kundizzjonijiet, ikun kapaċi jippreżentalha perspettiva ta' ħajja li forsi qatt qabel ma kienet ħolmot biha.

Hawnhekk, tajjeb li wieħed jinnota li r-rakkont huwa ddominat minn lingwaġġ komuni li jużaw iż-żgħażagħ bejniethom, fejn jirnexxilhom jesprimu lilhom infushom u l-emozzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe sitwazzjoni li jsibu ruħhom fiha fil-ħajja ta' kuljum. Dawn jinkludu anke konverżazzjonijiet permezz tas-social media u messaġġi elettroniċi. Dan apparti l-istil mexxej fl-użu tal-lingwa u speċjalment fl-andament tal-istorja, li minbarra li jqanqal il-kurżità, il-qarrej jidħol ferm iżjed fil-ġrajja u jsir jaf anke lill-karattri aħjar. Barra minn hekk, il-kapitli huma qosra u għaldaqstant iħeġġu iżjed lill-qarrejja, kemm żgħażagħ kif ukoll adulti, li jkomplu jaqraw ftit ieħor mingħajr ma jaqtgħu qalbhom minn kapitli li jkunu jidhru ma jispiċċaw qatt.

"Esperjenza Unika, Sabrina" huwa bla dubju ktieb li se jagħti gost lill-qarrejja żgħażagħ kif ukoll adulti, u li se jżommhom imwaħħlin mal-paġni b'sensiela ta' sorpriżi li ma jaqtgħu xejn. Ktieb li se jqanqal fihom bosta mistoqsijiet, dubji, kif ukoll ħsibijiet profondi. Dan hu tabilħaqq ktieb li mhux biss se jqanqal kuriżità dwar iż-żgħażagħ protagonisti ta' din il-ġrajja u anke ta' qabilha, imma li se jġiegħel lil min jaqrah jirrifletti wkoll fuq il-kuluri kollha li jsawru ż-żgħożija; kemm dawk mitfijin u skuri, kif ukoll dawk li jarmu d-dawl, l-enerġija u l-ħajja. Kuluri, li permezz tagħhom, joħroġ il-ġmiel, is-sbuħija u s-saħħa tal-imħabba safja. Imħabba, li kull min iduqha, żgur li jiskopri u japprezza kemm hija verament Esperjenza Unika!

## Lil Santa Madre Tereża

Fit-tajn il-ħmieġ
idek xejn ma beżgħet tiġġebbed
ħa ssalva ħajja miżera
ta' nies mormija barra.

F'toroq il-waħx
fejn il-bniedem kien xejn,
għal xejn,
bħax-xejn,
b'dik l-uniformi tal-imħabba
qbadtilhom wiċċhom f'idek
lil daw' l-imsejkna, f'karità
fakkart lill-arditi x'inhi l-umanità
f'din il-festa siekta tajthom id-dinjità.

***Amanda Busuttil***
***8 ta' Settembru 2016***

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Emmanuel Attard Cassar, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**




# ĠUŻE` BONNICI

Nhar is-6 t'Ottubru, Ġużè Bonnici għalaq 76 sena mill-mewt tiegħu. Il-bord imwaqqaf b'rabta ma' Bonnici fi ħdan l-Għaqda tal-Malti – Università, flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università se jtellgħu l-attività "Ġużè Bonnici: tlieta u tletin sena u fuqhom" fl-4:30pm fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta.

Dakinhar se jintwerew xi filmati marbuta ma' Ġużè Bonnici nnifsu. Dawk li se jattendu huma mistiedna jġibu xi xogħlijiet, kitbiet jew siltiet relatati ma' Bonnici. Oħrajn, jistgħu jgħaddu xi kummenti, tagħrif jew informazzjoni dwaru. Tkunu tistgħu taraw ix-xogħlijiet tiegħu u tisimgħu xogħlijiet moqrija kif ukoll intervista lis-Sur Joe Borg li se jitkellem dwar Ġużè Bonnici.

Għal aktar tagħrif tistgħu taraw l-attività fuq facebook billi ssegwu din il-ħolqa <<www.facebook.com/events/294422464270097>> jew tibagħtu ittre fuq ghaqdatalmalti@gmail.com. Ħajr lil-Librerija tal-Università għall-għajnuna tagħhom biex tittella' din l-attività.

ĠużèBonnicitwieledil-Belt Valletta fl-14 ta' Awwissu 1907 u miet fis-6 ta' Ottubru 1940.

FĦa l-edukazzjonitiegħufl-iskolaprimarjatal-Belt, is-Seminarjut'Għawdex u l-Università ta' Malta minnfejnġabil-B.Sc. u Ph.C. fl-1927. Fl-1931 sartabib. InħatarKap tad-Dipartimentfl-IsptarĊentrali.Fl-1934 iżżewweġlil Evelyn Testa u kellutlietulied.

Huwa l-awtur ta' diversixogħlijiet, fosthomImħabba u mibegħda (1927), It-Trobbija tat-Tfal (1932), Il-Qawwatal-Imħabba (1938), Il-Ġmiel ta' Ġisimna (1939), Ħelsien (1940), u Lejn ix-Xemx (1974). Fl-1931 waqqaf l-Għaqdatal-Malti – Universitàma' sieħbuRużarBriffa u kien l-ewweleditur tar-rivistaLeħenil-Malti.

# 350 Sena mit-Twaqqif tal-Knisja fir-Rabat Għawdex, Provinċja Agostinjana, *— Peter Paul Cachia OSA, Santu Wistin. Malta 2016, 197 pages.*

2006 is a special year for the Maltese Augustinian Province, a year of anniversaries and humble celebrations which are much in tune with the spirit of the great saintly bishop of Hippo in today's Algeria who through his austere life of prayer and study has become an icon for all those who search the transcendent God not only through the mind but mainly through a soul-searching heart. In fact, this year, the Maltese Augustinian Province is commemorating its second centenary; it was back in 1816 that it sought its independence from the Sicilian province and became autonomous with its headquarters set to be at St Mark's Priory in ancient Rabat in the Saqqajja area. The Province is also celebration the 350 years of its church in Victoria, Gozo; the Augustinians were the first mendicant order to establish itself on the sister island.

Fr Peter Paul Cachia OSA does not need any introduction; he is the author of various books about the history of his Order. Back in 2014, he published his Kif taqra l-Istqarrijiet ta' Santu Wistin. Gwida għall-Konfessjonijiet ta' Santu Wistin. St Augustine's Confessiones were translated from Latin into Maltese years ago by the renowned Maltese translator and author of a good number of hymns, the late Valentin Barbara of Australia. Later on, in 1996, the same Barbara translated into Maltese, St Augustine's Il-Belt ta' Alla with a superb introduction by Rev. Dr. Salvinu Caruana OSA. Cachia's book is another important publication of the Augustinian Order in Malta. Fr. Cachia, who has a vast pastoral experience ranging from years spent in Algeria to eleven years spent in Sao Paolo in Brazil, has a keen interest in the writings of the bishop of Hippo as well as an innate love for the history of his Order in the Maltese islands with a special focus on Gozo. I believe it is quite right to say that after the demise of the late Fr Serafin Borg OSA of Xewkija, he has become the main historian of his own Augustinian Order. This latest publication of his published by the Maltese Augustinian Province is being presented to the public at the right moment and it is safe to say that it has filled a gap in the ecclesiastical history of Gozo. Quoting Rev. Dr. Joseph Bezzina, Cachia builds on the fact that the Augustinians had already settled in Gozo in 1435, more than a century before the Council of Trent was called and at a time when the Muslim pirates were a plague for the entire Mediterranean basin.

Santu Wistin. 350 Sena Mit-Twaqqif tal-Knisja fir-Rabat, Għawdex is a must for those who have Melitensia, or rather Gaulitana, to their heart. Literature on the subject before the publication of the book was scant. De Soldanis and presumably the late Canon Nicholas Vella Apap were the last two Gozitan writers to provide us with precious information about this oldest still-standing monastery on Gozo. The book is entirely Fr Cachia's work and we are indebted to him for delving so deep into the history of the historical building that dominates the square where once Gozo's most ancient cemetery stood. The cemetery contained bones of knights and prelates who had accompanied the saintly King Louis IX of France on the seventh crusade and the following Crusade in Tunisia. Fr Cachia's book is an attractive publication in itself; with glossy paper and hundreds of foot-notes as well as a rich bibliography, Cachia's latest opus will be the standard work on its subject for decades of years to come. The book's photos were taken by Gozitan photographer Anthony Grech who has also published a coffee-table publication containing beautiful photographs of Gozo and young artistic researcher Paul Cassar is also to be congratulated for encouraging Fr Cachia to further his research on the subject.

Fr Peter Paul Cachia's latest publication can be bought from St Augustine's Priory in Victoria or from the main bookshops in our islands.

***Fr. Geoffrey G. Attard***



## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU 2016

*Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, il-Grupp tagħna, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, organizzaw Programm Mużiko-Letterarju, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Għal din l-okkażjoni, il-Grupp ippubblika issoltu ktejjeb, bil-qari kollu li sar waqt dan il-programm. Il-ħabib tagħna, Dr Clemente Zammit, ipproduċa dan il-ktejjeb bħala "flip-book" li ntbagħat lil aktar minn 500 persuna li jħobbu l-Malti, kemm fl-Awstralja, f'Malta u madwar id-dinja. Dr Zammit għamel biċċa xogħol sabiħa li ntogħġbot ħafna u għal dan aħna nirringrazzjawh ħafna. Ħadna gost nirċievu kummenti sbieħ dwar dan ix-xogħol u nixtieq naqsam magħkom xi ftit minnhom:*

Għażiż Paul, Irċevejt b'sodisfazzjon u apprezzament il-kopja tal-ktejjeb tal-Programm Mużiko-Letterarju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria u b'kelma waħda biss inwieġeb għal di' s-sbuħija kollha: MERAVILJA. B'imħabba: ***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna min qiegħ qalbi għall-kelma miktuba Maltija. Proset għall-attività li għamiltu, nixtieq li f'NSW isiru attivitajiet bħal dawn għax Malta kont attiva ħafna f'dawn l-okkażjonijiet.
Xewqat sbieħ lil ħuti Maltin fil-Victoria membri tal-għaqda tagħkom.
***Antoinette Mascari***

Niżżik ħajr Paul. Kellkom programm mimli u mill-aqwa. Biss jekk jogħġbok agħtini l-okkażjoni nesprimi l-pjaċir tiegħi nara r-ritratt ta' Clemente Zammit li jien niftakar sewwa bħala student il-Liceo tal-Ħamrun - minkejja li ma konniex fl-istess klassi minħabba l-għażla tas-suġġetti - matul il-ħames/sitt snin li qattajt fis-sekondarja t'hemm. Jien ma nafx jekk jiftakarnix; biss xorta nixtieqek issellili għalih.
Paul, kemm għadda żmien - il-kors kien mifrux bejn l-1954 u l-1959.
Żminijiet oħrajn. Sliem u grazzi mill-ġdid. ***Salvu Seisun***

Għażiż Paul, Nirringrazzjak mill-qalb tal-ktejjeb tal-Programm Mużiko-Letterarju. Ħadt gost ħafna li qed iżżommu ħaj ilsienna, mhux biss b'mod ta' komunikazzjoni, imma b'mod letterarju wkoll. Kellkom ħin ta' ġabra, u żgura li kienet ta' għaqda u nostalġija. Paul, ngħid prosit lil kull min ħa sehem għax-xogħol tiegħu, u grazzi li qasmu magħna lkoll.
Nixtieqlek dejjem is-saħħa, ***Nunziella Giglio***

Paul, PROSIT U AWGURI. Nammirakom kemm taħdmu għal-Letteratura Maltija u dak kollu li hu Malti. ***Charles Casha***

Għażiż Paul, X'biċċa xogħol kellkom! Prosit ta' kollox. Qrajt kważi kollox, speċjalment il-versi "Sħab" u l-istorja tal-amorin li ktibt inti. Tassew ħelwa u nemmen li setgħet ġrat. Tislijiet mill-qalb. ***Lina Brockdorff***

Jum tajjeb għażiż Paul; nittama li dan isibek u lill-għeżież sewwa. Il-marelli kemm hu sabiħ, PROSIT tassew. Ma qrajtux, dawwart il-pagni u qrajt biċċa l-hawn u l-hinn. Ridt inniżżlu biex naqrah bil-kwiet iktar tard, iżda ma sibtx kif. Nista' nniżżlu jew mhux mixtieq li jitniżżel?
Hu x'inhu, prosit u grazzi, l-isbaħ xewqat lilek, lit-tim u lill-għeżież tagħkom, ***Mario Tabone-Vassallo***

Għażiż Paul, Prosit ħafna tal-programm sabiħ u varjat, b'ħafna poeżiji u kitba li aħna ta' Sydney ma għandniex biex inżommu u nitpaxxu b'din il-lingwa tant sabiħa. Forsi sena oħra inkun nista' niġi għal din l-okkażjoni. Grazzi li qsamtuh magħna. ***Nancy Serg nee Borg OAM***

Għażiż Paul, Grazzi minn qalbi tal-ktieb on-line li bgħattli bix-xogħlijiet bil-Malti ta' kittieba sbabi mill-Awstralja. Qrajt uħud minnhom biss s'issa, imma naqrahom ftit ftit kollha kemm huma. Nifraħ nara l-idjoma hekk sabiħa ta' lsienna għadha mħaddma hekk tajjeb minn Maltin li ilhom minjaf kemm-il sena msefrin. Nifraħ ukoll insir naf bi programmi bħal dawn li ttellgħu biex tagħtu l-ħajja lil dawn il-kitbiet.
Bħalissa qiegħed jgħaddili ħsieb minn moħħi: ma titħajrux issibu ħin tagħmlu għażla ta' kitbiet tajbin, kemm poeżiji kif ukoll proża, għall-pubblikazzjoni ta' volum sabiħ? Tista' ssir forma ta' antoloġija - u forsi jkun hemm ukoll interess minn pubblikaturi hawn Malta. Bħalissa l-għadd ta' publikazzjonijiet bil-Malti hu wieħed sabiħ; ikunx hemm ukoll pubblikazzjoni lokali minn Maltin- Awstraljani!?
Forsi tinsistu għal kitba mhux tant nostalġika madankollu, imma kitba li tirrifletti s-soċjetà sewwasew fejn qed tgħixu. Bħalma taf dik hi l-funzjoni tal-letteratura, mera soċjali, li tirrifletti s-soċjetà kontemporanja li qed toħloqha, hawn min isejħilha aħjar bħala l-kuxjenza soċjali. Fl-istess ħin tkun relevanti sewwa għal min jaqraha. L-aktar qarrejja ġodda u żgħażagħ.
Ħsieb biss, jew ħolm, ma jimpurtax, għax fuq kollox ma nafx l-ambjent Awstraljan! Imma ħsieb li jrid ħafna ħsieb! Ninsab żgur li l-possibiltà hemm qiegħda.
Intant inselli għalik, nifirħilkom u awguri dejjem. Ħabibek,
***Paul P. Borg***

Paul, Grazzi ħafna u PROSIT! Biċċa xogħol tassew sabiħa. Tislijiet,
***Rena (Prof. Rena Balzan)***

Grazzi Paul u prosit tax-xogħol. Naqrah aktar 'il quddiem imma naqrah żgur u naqrah bi pjaċir u anki b'ħafna memorji. Sellilna u Sliem
***Manuel Attard-Cassar***

Għażiż Paul, Grazzi tal-Programm li ħadt pjaċir bih ħafna. Issa noqgħod naqrah ftit, ftit. X'kanarin sabiħ waħħaltli ħej! Ma stajtx issib wieħed aktar isfar minnu. Il-veru sabiħ u għoġobni. Nirringrazzjak ħafna u mill-qalb, mhux biss tal-kanarin, imma tax-xogħol kollu li għamilt, kemm int kif ukoll il-membri l-oħra kollha li taw sehemhom kemm għal produzzjoni tal-ktejjeb tal-programm kif ukoll biex ittella' l-Programm Mużiko-Letterarju innifsu u lil dawk kollha li għenu biex il-programm kien ta' suċċess. Napprezza ħafna s-sagrifiċċji u l-kontribut siewi li kulħadd ta. Prosit kemm lilek u lil kulħadd. Tislijiet sinċiera u mill-qalb,
***Nazzarene Zerafa (Queensland)***

Hello Paul, prosit u prosit tassew!!! Kemm ħadt gost naqra ħafna minn dan il-ktejjeb! Tgħaxxaqt naqra. Il-poeżiji għoġbuni wisq. Mill-ġdid grazzi ħafna. Inselli. ħafna għalik u għal Salvina. Ħabibtkom:
***Carmen Galea (Canada)***

Grazzi Paul u nifirħilkom tal-ħidma biex l-ilsien Malti jkompli jixtered u jiġi ċċelebrat fil-komunitajiet tagħkom. Sliem. ***Sergio Grech***

Nifraħlek għall-kitba siewja tal-Letteratura Maltija u nixtieq nibqa' nirċivih. Il-Malti jgħaqqadna mal-Maltin ta' Ġewwa u ta' Barra. Jalla nibqgħu ngħożżu l-wirt li ħallulna missirijietna !
Għoddni dejjem tiegħek u Saħħiet. ***Guzè Cutajar (Franza)***

Għażiż Paul,
Grazzi ħafna tal-ktejjeb bil-Programm Mużiko-Letterarju ta' nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru.
Kienet tassew idea tajba li bgħattilna din il-kopja online għax hekk stajna ngawdu aħna wkoll hawn Malta l-kitba sabiħa tagħkom.
Grazzi u prosit li Dr Clemente Zammit, Karkariż bħali, li ħejja u pproduċa dan il-ktejjeb f'format online.
Nistqarr li għadni ma qrajtux kollu imma biħsiebni nkomplih ftit ftit kuljum biex niggustah iżjed.
Inselli ħafna għalik u nawguralek iktar ħidma wtieqa fil-kamp letterarju Malti-Awstraljan.
***Carmel G. Cauchi.***

*Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li sabu u l-ħin biex jiktbtu u jikkummentaw fuq il-biċċa xogol sabiħa li għamel Dr Clemente Zammit u b'hekk kulħadd jista' jaqra x-xogħlijiet kollha fil-programm.*

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**